**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru 147/2016**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Melvyn Camilleri)**

**Vs.**

**Wilton Gatt**

**Daniel McGahern**

**-omissis-**

Illum 6 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati

*Wilton Gatt* ta' 20 sena, imwieled Pieta' fid-29/12/1995, bin missier mhux maghruf u Michelle Gatt, residenti Garden View, Flt 9, Triq San Gorg, Birzebbuga u detentur ta' karta tal-identita' nru 20896M;

*Daniel McGahern* ta' 16-il sena, imwieled Pieta' fis-27/08/1999, bin Timothy u Jennifer nee' Grima, residenti Nru 30A, Triq il-Brolli, Birzebbuga u detentur ta' karta tal-identita' nru 288199M, u

*Omissis* ta' 15-il sena, imwieled Pieta' fit-13/11/2000, bin missier mhux maghruf u Elizabeth Woodhead, residenti Nru 7, Triq Alessandru, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita' nru 435300L.

Billi Wilton Gatt u Daniel McGahern wahedkom akkuzati talli fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Dicembru 2015 f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkommettejtu serq ta' hut minn *fishfarm* sitwat fil-bahar bejn Marsaxlokk u Birzebbuga ghad-detriment tal-kumpanija MFF Ltd, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, filwaqt li

*Omissis* wahdek akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi:

1. bil-hsieb li tikkommetti serq aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghek.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tittratta mal-imputat Wilton Gatt bhala wiehed li kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magt Dr N Galea Sciberras LLD, datata 28 ta' April 2014.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tennew li ma kienux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.[2]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippresjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[3]

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 il-prosekuzzjoni informat il-Qorti li l-imputati Daniel Mc Gahern u Willton Gatt ma jistghux jigu rintraccati.

Rat li l-imputat *omissis* talab ghas-separazzjoni tal-gudizzju stante li z-zewg ko-imputati l-ohra ma jsetghux jigu rintraccati u kien ilhom zmien konsidorevoli li ma setghux jigu rintraccati.

Rat li l-prosekuzzjoni ma oggezzjonatx ghat-talba.

Rat li l-Qorti laqghet it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju sabiex il-kaz fil-konfront ta' l-imputat Zak Woodhead jissokta minghajr aktar dewmien.

Rat illi s-sentenza kontra *omissis* nghatat b'mod definittivament nhar il-31 ta' Lulju 2020 u li l-Qorti lliberat lill-imputat minn kull htija.

Rat illi immedjatament fl-udjenza ta' wara, il-pulizija irnexxilhom jinnotifikaw lill-imputati u dehru.

---

[1] Folio 7 ta' l-atti processwali
[2] Folio 30-32 ta' l-atti processwali
[3] Folio 82-84 ta' l-atti processwali

Il-Qorti ma tistax ma tosservax kif il-pulizija ghamlet snin shah tiddikjara li l-imputati ma setghux jigu notifikati jew li ma setghux jintraccjawhom u li kemm-il darba iddikjaraw li kienu sprovvisti mir-riferti jew li kellhom riferti negattivi. Minkejja dawn id-dikjarazzjonijiet kollha tal-pulizija qatt ma ezebew dawn ir-riferiti negattivi jew prova li ma setghux jigu rintraccjati. Din is-sitwazzjoni pperdurat tant li, per konsegwenza, il-Qorti intalbet tordna s-separazzjoni tal-gudizzju ta' bejn il-ko-imputati.

Dan qed jinghad ghaliex irrizulta li hekk kif nghatat is-sentenza fil-konfront tal-ko-imputat *omissis* permezz ta' sentenza li nghatat nhar il-31 ta' Lulju 2020, u li permezz taghha huwa gie liberat, f'daqqa u l-mument, wara snin shah tal-pulizija ma jirnexxilhomx jinnotifikaw lill-imputati, dehru fl-ewwel udjenza wara l-liberatorja tal-ko-imputat *omissis*.

Hi x'inhi r-raguni ghal dan l- istat ta' fatt ma jistax jinghad li jirrifletti wisq tajjeb fuq is-sistema ta' kif saru t-tentattivi tan-notifiki ta' l-imputati tul is-snin, u kif il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-ufficjal prosekutur, oltre l-hela ta' zmien u d-dewmien inutli li gie kkagunat.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar il-31 ta' Lulju 2020.[4]

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha provi xi tressaq nhar il-10 ta' Gunju 2021.[5]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw fl-udjenza ta' l-10 ta' Gunju 2020.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

---

[4] Folio 104 ta' l-atti processwali
[5] Folio 110 ta' l-atti processwali

Ikkunsidrat

Fatti fil-qosor tal-kaz

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-28 ta' Dicembru 2015 meta ghall-habta ta' 21.30hrs, il-Pulizija gew infurmati minn telefonata anonima li hemm frejgata fil-bahar u li kien hemm suspett li l-imputatu kienu sejrin jisirqu xi hut minn gewwa *fish farm*.

Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li kien hemm frejgatini w xi persuni vicin wahda mill-*fish farms*. Illi din il-frejgatini kienet qeda ggib ruha b'mod suspettuz u meta resqet lejn il-blat nizlu tliet zaghzagh minnha u bdew inizzlu xi baskijiet minn fuqha.

Meta l-pulizija intercettaw dawn iz-zaghzagh bdew inizzlu xi baskijiet minn fuq il-frejgatina li fihom kien hemm diversi hut. Tnejn minn dawn iz-zaghzagh kienu l-imputati Wilton Gatt u Daniel Mc Gahern.

Ikkunsidrat

Xhieda

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-17 ta' Novembru 2017 xehed l-Ispettur Johann Fenech, stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun li spjega li fil-lejl ta' bejn it-28 u 29 ta' Dicembru 2015 kien gie nfurmat minn PS 1298 Lambert Zammit mill-ghassa Birzebbuga illi kien mar jaghmel rapport certu Salvu Ellul ghan-nom tal-kumpanija Elbros fl-effett li kien hemm dghajsa suspettuza vicin tal-Fish Farms f'Dellimara. PS 1298 kien mar hemmhekk fuq il-post fuq l-art fiz-zona ta' San Lucjan, Marsaxlokk u hemmhekk osserva d-dghajsa. Eventwalment

din id-dghajsa avvicinat lejn il-bajja ta' San Gorg fejn hemm qarrbet lejn dghajsa ohra u wara ftit dawn in nies li kienu fuq id-dghajsa qadfu lejn ix-xatt. Kien hemm tlett zghazagh li qabzu ghal fuq l-art u gew osservati li bdew ihottu xi basktijiet minn fuq id-dghajsa ghal fuq l-art. Dawn iz-zghazagh gew imwaqqfa u identifikati bhala Willton Gatt, Daniel McGahern u Zak Woodhead. Saret tfittxija fil-basktijiet fejn instabu xi hut go basket minnhom. Sussegwentament il-Pulizija infurmaw lill-AFM fuq il-kaz, fejn wara ftit intbaghat *dinghy* misjuq minn Gunner 87255 Grech sabiex jiehdu lis-surgent u lill-imputat Zak Woodhead lejn id-dghajsa li kienet ankrata f''nofs il-bajja. Id-dghajsa giet identifikata bhala S-09558 registrata fuq certu Raymond Farrugia li jigi missier Zak Woodhead. Mit-tfittxija fuq id-dghajsa ma rrizulta xejn. Sussegwentament l-imsemmi Salvu Ellul acceda l-Ghassa fejn stqarr li l-hut li kien insteraq minn gol-fish farm tieghu kellu piz ta' madwar 16kg u kien valutat madwar €320. Willton Gatt, li kien tal-eta' ttiehed gol-*lockup* u t-tnejn l-ohra, li kienu minorenni, gew diretti sabiex imorru l-Ghassa l-ghada filghodu. Ix-xhud stqarr li huwa kellem lit-tlett suspettati li t-tlieta li huma rrifjutaw id-dritt ghall-assistenza legali. Il-persuna Zak Woodhead kien stqarr li l-gurnata ta' qabel gara dan il-kaz, ftiehem ma zewgt' ihbieb sabiex imorru jistadu bid-dghajsa tal-habib ta' Gatt li ma kienx jafu u offrielhom biex jigbidhom sal-Fish Farm bid-dghajsa ta' missieru. Gara li waqfitlu d-dghajsa u huwa baqa' fuqha filwaqt li t-tnejn l-ohra marru jistadu bid-dghajsa l-ohra hdejn il-Fish Farm. In kontro-ezami ix-xhud stqarr li huwa ma kienx prezenti ghall-episodju fejn il-hut gie mwiezen gewwa l-Ghassa fil-prezenza ta' Salvu Ellul. Eskluda ukoll li l-hut kien tonn izda ma kienx kapaci jispjega x'razza kien ezatt.

Fl-istess seduta xehed PS 1298 Lambert Zammit, stazzjonat fl-Ghassa ta' Birzebbuga. Huwa kkonferma li nhar it-28 ta' Dicembru 2015, ghal habta tad-9:30pm dahal rapport bit-telfon gewwa l-ghassa Birzebbugia li kien hemm xi

dghajsa vicin tal-Fish Farm ta' San Lucjan. Ix-xhud flimkien ma PC 829, PC 994 u PC 226 marru bil-karozza hdejn it-torri ta' San Lucjan fejn fid-dawl tal-qamar dehret dghajsa mal-Fish Farm u xi nies bil wieqfa fuq il-gagga. Hekk kif id-dghajsa bdiet diehla lejn il-Qajjenza waqfet ma dghajsa ohra u wara baqghet diehla lejn ix-xatt. X'hin trakkat id-dghajsa nizlu tlett persuni, l-istess tlett persuni li kienu hdejn il-Fish Farm. Dawn il-persuni gew mitkellma u rrizulta li kienu Daniel McGahern, Willton Gatt u Zak Woodhead li x-xhud seta' jaghraf prezenti fl-awla. Daniel McGahern kellu basket f'idu li go fih kien hemm xlief b'sunnara u xi hut. Il-basket kien wiehed tal-plastik ta' lewn orangjo. Mistoqsija ta min kienet id-dghajsa Willton Gatt qal li kienet ta' habib tieghu li sellifielu imma baqa' ma qalx ismu u fejn joqghod. It-tlett persuni gew mehuda l-Ghassa fejn gew ikkuntattjati l-genituri ta' Mc Gahern u ta' Woodhead minhabba li kienu minorenni. Sussegwentement, Willton Gatt, li kien maggorenni, gie mehud il-lock-up. Ix-xhud kompla jispjega li imbaghad ghamel kuntatt ma certu Salvu Ellul li huwa d-direttur tal-kumpanija MFF Ltd li tiggestixxi l-Fish Farm, fejn dan acceda l-Ghassa, u wara li gie mitkellem gie mwiezen il-hut in kwistjoni permezz ta' mizien li pprovda l-istess Ellul. Irrizulta li t-tlett hutiet kienu jiznu 7kg, 6.5kg u 2.5kg rispettivament jew ahjar 16kg b'kollox. Ix-xhud ma kienx kapaci jidentifika xi speci kien il-hut pero stqarr li skont Ellul, kien ta' valur konsiderevoli tant li stmah li jiswa €320.00 izda ccara li kien jiswa daqshekk minhabba li kien hemm uhud li jiehu il-frieh minnhom. In kontro-ezami, ix-xhud stqarr li l-mizien kien wiehed bil-platti u skont hu kien kalibrat tajjeb ghax kien qed jimmarka fuq iz-zero meta mhux mghobbi. Wiegeb ukoll li huwa ma kienx staqsa lill-Salvu Ellul jekk il-valur li attribwixxa lill-hut kienx *wholesale* jew *retail*.

Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2020 xehed Zak Woodhead. Huwa stqarr li huwa kien ftiehem sabiex fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Dicembru 2015 jmur jistad flimkien ma Willton Gatt u Daniel McGahern fl-inhawi tal-Qajjenza,

Birzebbuga. Il-pjan kien li wara li jitlaq minn San Gorg, Birzebbuga, jirmonka lid-dghajsa tal-ohrajn fil-bahar permezz tad-dghajsa ta' missieru minhabba li kienet tal-moqdief u kienu ser jistadu 'l barra. Gara li hekk kif prova jistarja l-magna tad-dghajsa induna li kienet minghajr kurrent fil-batterija. Sakemm prova jirranga l-problema, l-ohrajn fthemu li jilhqu jibdew jistadu. Il-hsara baqghet ma ssewwitx u l-ohrajn lahqu dahlu lura fejn qalu li kienu qabdu madwar tlett hutiet. Minhabba l-hsara li kienet inqalghet, iddecidew li jidhlu l-ewwel art, u cioe' il-Qajjenza. Woodhead stqarr li nkwieta hafna fuq il-hsara fid-dghajsa minhabba li hija ta' missieru li huwa kemmxejn strett mieghu. Kompla jistqarr li hekk kif dahlu lejn l-art, marru fuqhom xi Pulizija u arrestawhom u ghamlu tfittxija fid-dghajsa l-kbira. L-unika persuna li kien tal-eta' kien Willton Gatt u ghalhekk il-Pulizija qalu lilu biex imur maghhom waqt li tigi spezzjonata d-dghajsa l-kbira tal-mutur li kienet 'il barra. Ghal dan Woodhead ipprotesta minhabba li d-dghajsa kienet ta' missieru u filfatt mar hu mal-Pulizija. Minn fuq id-dghajsa l-Pulizija qabdu borza li kien fiha filter taz-zejt mahmug u kif cappsu idejhom ma komplewx ifittxu. Minn naha tieghu, Woodhead stqarr li kkoopera mal-Pulizija. Woodhead ikkonferma illi huwa kien jahdem mal-kumpannija tal-Fish Farm fejn kien jaqdi dmiru gewwa l-*hangar*. In kontro-ezami Woodhead innega li huwa qabad xi hut ezatt minn mal-gaggeg tal-Fish Farm filwaqt li stqarr li huwa Daniel McGahern li huwa fl-ahjar pozizzjoni li jwiegeb dik id-domanda minhabba li kien hu li stad.

Ikkunsidrat

Stqarrija ta' Zak Woodhead u ta' l-imputati

Illi l-istqarrija ta' Zak Woohead u z-zewg imputati ittiehdu nhar id-29 ta' Dicembru 2015 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Johann J Fenech, fil-prezenza ta' PC 994 C. Grech. Fil-kaz ta' Woodhead u Gatt saru wkoll fil-presenza tal-

genituri taghhom (Elizabeth Woodhead li tigi omm Zak Woodhead u Timothy Mc Gahern li jigi missier Mc Gahern) stante li dak iz-zmien Woodhead u Mc Gahern kienu ghadhom minuri ta' hmistax il-sena w sittax il-sena rispettivament. L-istqarrijiet ittiehdu kollha wara li kienu inghataw s-soliti twissijiet ta' xiex gew investigati u wara li nghatalhom d-drittijiet kollha taghhom dwar il-jedd li jikonsultaw ma' avukat tal-fiducja taghhom qabel issirlu xi interrogazzjoni[6].

L-istqarrija ta' Woodhead ittiehdet l-ghada stess ta' l-incident, u cioe' fid-29 ta' Dicembru 2015. Woodhead ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija u ghazel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghall-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni u jidhol f'certu dettal dwar dak li kien gara meta hargu fuq il-bahar.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l-istqarrijia li ġiet rilaxxata mill-imputat hiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġie rilaxxata l-istqarrija ta' Woodhead, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta Woodhead u l-imputati rrilaxxaw l-istqarrijiet taghhom, huma kien ingħataw id-dritt li jikkonsultaw mal-avukat tal-għażla taghhom, liema dritt infatti huma ghazlu li ma juzawx. Madankollu ma kienu ingħataw l-ebda dritt

[6] Dok JF1, JF2, JF3, Folio 41-46 ta' l-atti processwali

tal-preżenza tal-avukat taghhom matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[7] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputati ġie interrogati.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' Christopher Bartolo vs Avukat Generali et[8] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

[7] Fit-28 ta' Novembru 2016

[8] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l- interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l- possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l- interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-

sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet Pulizija vs Claire Farrugia[9] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien Salduz vs Turkija fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[10] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz Il-Pulizija vs Aldo Pistella[11] fejn il-Qorti rriteniet:

---

[9] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

[10] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali

[11] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz Graziella Attard vs Avukat Generali[12] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

[12] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[13]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[14]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza recenti fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello[15] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtenticità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[16]

---

[13] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[14] Folio 14 tas-sentenza
[15] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF
[16] Folio 25 tas-sentenza

Illi din is-sentenza gie recentemet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[17]

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat li hija netta fil-konfront ta' Daniel McGahern u fil-kaz ta' Wilton hemm registrat sentenza waha, u tinsab konvinta li l-imputati ma kienux ben konxji u ma kienux imdorrija ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Il-Qorti tqis ukoll il-fatt, fiz-zmien ta' l-interogazzjoni, l-imputat Daniel McGarhen kien ghad kellu biss sittax-il sena[18]. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputati tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrijiet taghhom fil-ġudizzju tagħhom, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijiet u ma tqishomx bħala prova f'dawn il-proċeduri.

Ikkunsidrat

Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-

[17] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

[18] Wilton Gatt kellu ghoxrin sena

imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi[19], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu, ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

> *"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li*

[19] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

> *tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak …[ir-reat]… u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir."*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza Pulizija vs Paolo Farrugia huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[20] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[21]

Illi fil-kaz Pulizija vs Lans John[22] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat".*

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Il-Pulizija vs Peter Ebejer[23] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372): *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

---

[20] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

[21] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[22] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

[23] deciz 5/12/1997

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat[24]

*'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

[24] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

Kif jinghad fis-sentenza Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet 'Teper v The Queen' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference." Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Joseph Gauci et', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.*

*Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f' dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f' posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg[25] fejn gie kkunsidrat:

*"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u*

[25] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017

*konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana[26] gie kkunsidrat:

'*Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun cara u univoka fis-sens li twassal necessarjament, u f'kuntest ta' dak li hu ragjonevoli, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.*'

Ikkunsidrat

Il-provi mressqa

Illi mill-provi migbura l-prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda ta' l-ufficjal prosekutur li xehed a bazi ta' investigazzjonijiet li ghamlu. Madankollu ma tressqux provi bhal, min hu s-sid tad-dghajsa, li mix-xhieda gie identifikat bhala Raymond Farrgugia, missier Zak Woodhead. Jirrizulta wkoll li lanqas ma tressaq biex jixhed il-kwerelant u s-sid tal-*fish farm* minn fejn allegatament sar is-serq u li gie iddentifikat bhal Salvu Ellul ghan-nom tal-kumpanija Elbros.

[26] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

Fil-komparixxi tal-prosekuzzjoni hemm indikat li attentat tas-serq sar ghad-detriment tal-kumpanija MFF Ltd, izda prova ta' l-ezistenza ta' din il-kumpannija u l-identita' tas-sidien taghha wkoll ma tressqux. Wisq anqas tressqu n-nies sidien ta' din il-kumpannija jew xi rapprezentant taghha.

Mix-xhieda ta' l-ispettur jghid li gie infurmat li l-hut li gie misruq *"kellu piz ta' madwar 16kg u kien valutat bejn wiehed u iehor €320. Dan wiznu l-ghassa stess."*[27] Madankollu minn analizi ta' din ix-xhieda ta' l-Ispettur il maggior parti taghha huwa *detto del detto* u mhux provi diretti li ghexhom l-Ispettur stess.

Filwaqt li x-xhieda ta' PS 1298 Lambert Zammit tispjega l-involviment diretta tieghu meta intercetta Woodhead mal-ko-imputati l-ohra, issir referenzi *detto del detto* dwar xhieda ta' nies li ma tressqux mill-proskuzzjoni quddiem il-Qorti. Issir ukoll referenzi ghal stimi u ritratti li ma gewx ipprezentati fil-kawza.

Mix-xhieda ta' PS1298 jirrizulta li *"rajna xi persuni jerzqu ma dghajsa ohra, l-istess dghajsa li telqghet minn hdejn il-fish farm, in-nies li kienu fuqa telghu fuq dghajsa ohra u baqghet miexja lejn ix-xatt."*[28]

Illi minn din ix-xhieda jinghata x'jinftiehem li l-grupp ta' nies kien maqsum – min kien mar fuq il-*fish farm* proprju biex jistad u min kien ma dghajsa ohra li eventwalment rikbithom. Illi dan iffiser li xi hadd mill-imputati, ma kienx mar direttament jistad fil-*fish farm*. Jibqa ghalhekk li jigi determinat kif bhala stat ta' fatt kien komplici fir-reat u wettaq il-bidu tal-esekuzzjoni tar-reat li ghandu jigi ppruvat.

Zak Woodhead ghazel li jixhed b'mod volontarju u fix-xhieda tieghu jistqarr li hu ma spiccax jistad mal-ko-imputati l-ohra ghaliex f'dak il-mument inqalghet hsara fid-dghajsa ta' missieru li kien qed juza u mar lura isewwiha. Ikompli

[27] Folio 34 ta' l-atti processwali
[28] Folio 53 ta' l-atti processwal

jghid li hu ma kien jaf b'xejn minn dak li gara sakemm l-ohrajn gew lura u urewh il-hut li qabdu.

Illi mill-assjem tal-provi kif migbura, din il-Qorti m'ghandix il-komfort jew provi bizzejjed sabiex tkun moralment konvinta li ssib htija b'mod li tkun *safe and satisfactory*. Il-Qorti tqis li mill-provi li ghandha quddiemha fuq liema tista tgharbel u taghti gudizzju l-elementi tas-serq ma gewx provati.

Ghaldaqstant minn ezami tal-provi li tressqu u wara li ezaminat x-xhieda ta' l-imputat din il-Qorti tqis li l-elementi formali u materjali tal-kaz ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi u sejra tghaddi sabiex tilibera lil imputati. Illi stante li Wilton Gatt sejjer ikun illiberat mill-ewwel imputazzjoni din il-Qorti tqis wkoll li t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tqis lil Gatt kiser wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras data 28 ta' April 2014 ghandha tigi michuda[29] u konsegwentement l-istess imputat ghandu jigi liberat anke minn din l-imputazzjoni.

Decide

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 267, 270, 271(e) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Wilton Gatt u Daniel McGahern mhux hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom u tilliberahom minn kull htija u piena dwarha.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tichad it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex Wilton Gatt jigi trattat li kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta,

[29] Ezebita Dok JF4, Folio 47-52 ta' l-atti processwali

moghtija mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fit-28 ta' April 2014, u konsegwentement tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni.

**Moghtija illum nhar il-30 ta' Novembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**